MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2013

Appell Civili Numru. 373/2005/1

**Catherine Bezzina**

**v.**

**George Bezzina**

**Preliminari**

**1.** Dawn huma zewg appelli, wiehed principali maghmul mill-konvenut u l-iehor incidentali maghmul mill-attrici minn sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-16 ta' Novembru 2012 li permezz taghha dik il-Qorti ddecidiet hekk:

“1. Tippronunzja s-separazzjoni bejn il-kontendenti iżda b’tort ugwali bejn il-partijiet u tawtorizżżahom jgħixu separatament;

“2. Tiċħad it-tieni talba;
“3. Tilqa’ t-tielet talba u tiddikjara l-proprjeta’ msemmija bħala parafernali tal-attriċi, u għal kull buon fini tawtorizżżaha tgħix waħedha ġo fiha;

“4. Tiċħad ir-raba talba;

“5. Tilqa’ l-ħames talba u tordna lill-konvenut iħallas is-somma ta’ elfejn, mija u erbatax-il Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€2114.81);

“6. Tilqa’ s-seba’ talba u tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti b’ effett immedjat;

“7. Tilqa’ s-seba’ talba u tordna li l-fond, garage numru 3 Sqaq numru 1, Main Street, Mġarr jinbiegħ taħt l-awtorita’ tal-Qorti fuq talba ta’ xi ħadd mill-partijiet u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet; tordna li jinqasmu ugwalment ukoll il-kontijiet kollha bankarji, Maltin u esteri u flejjes kollha depożitati f’xi istituzzjoni oħra kompriż il-Qorti, f’isem il-partijiet sija waħedhom u sija flimkien; vetturi, *‘boat’*, u inġenji jibqgħu f’isem il-parti li f’isimha huma reġistrati;

“8. Tilqa’ t-tmien talba.

“Kwantu għall-kontro-talba;

“1. Tilqa’ l-ewwel talba, dejjem b’tort taż-żewġ partijiet indaqs;

“2. Tiċħad it-tieni talba;

“3. Tilqa’ t-tielet talba skond kif indikat aktar qabel;

“4. Tilqa’ r-raba’ talba;

"5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-aħħar talba billi ma nġabux provi fir-rigward;

"6. Għalkemm ma hemmx talba fir-rigward, *ai termini* tal-Artikolu 149 tal-Kodiċi Ċivili, tordna li l-kura u kustodja tal-minuri Elena Bezzina tibqa' għand il-konvenut; iżda l-attriċi jkollha aċċess darba fil-ġimgħa għal sagħtejn, jekk hemm bżonn taħt superviżjoni, u tordna lill-attriċi tħallas manteniment lill-konvenut għall-istess minuri bir-rata ta' ħamsa u għoxrin Euro (€25) fix-xahar; *rebus sic standibus*.

**"L-ispejjeż tal-kawża a kariku taż-żewġ partijiet fi kwoti indaqs."**

**2.** Rat ir-rikors tal-appell tal-konvenut, li permezz tieghu u ghar-ragunijiet indikati fl-istess rikors, talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata fejn cahditlu t-talbiet tieghu maghmula fil-kontro-talba, kif ukoll fejn laqghet it-talbiet tal-attrici; bl-ispejjez kontra l-attrici;

**3.** Rat ir-risposta tal-attrici li, permezz taghha, u ghal ragunijiet hemm indikati, talbet li l-appell tal-konvenut jigi michud bl-ispejjez, filwaqt li pprezentat appell incidentali li permezz tieghu talbet li din il-Qorti tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn cahditilha t-talbiet taghha;

**<u>L-Appell Principali u l-Appell Incidentali</u>**

**4.** Ghall-ahjar intendiment ta' dan il-gudizzju, din il-Qorti ser taghti profil tal-aggravji taz-zewg partijiet, peress li l-aggravji kemm fl-appell principali, kif ukoll fl-appell incidentali huma konnessi.

**<u>L-Appell Principali</u>**

**5.** Dan jikkonsisti fi <u>tliet</u> aggravji: [1] li d-dar matrimonjali tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u mhijex proprjeta` parafernali tal-attrici kif sostnut minnha u kif deciz mill-ewwel Qorti; [2] li l-manteniment ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fix-xahar ghall-bzonnijiet tat-tifla minuri huwa baxx wisq u huwa inadegwat tenut kont li l-attrici

ghandha fuq isimha proprjeta` mmobbli, u ghamlet zbanki ta' ammonti konsiderevoli ta' flus; [3] li l-ammonti zbankati mill-attrici, fl-ammont komplessiv ta' hamsa u hamsin Liri Maltin (Lm55,000) jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk nofs dan l-ammont huwa dovut lill-konvenut.

## L-Appell Incidentali

**6.** Dan jikkonsisti f'hames aggravji: [1] li din il-Qorti tikkonferma d-digriet tal-ewwel Qorti li t-tifla ghandha tinghata ghajnuna ta' psikologu u/jew psikoterapista biex tigi ndirizzata l-problema tar-riluttanza tal-minuri li jkollha access mal-omm, kif ukoll jigi fissat il-modalita` tal-access favur l-omm; [2] li l-attrici ma kellhiex titqies responsabbli ghas-separazzjoni fi grad ugwali daqs il-konvenut, u ma kellhiex tiddekadi mid-dritt ghall-manteniment; [3] li l-attrici hija kreditrici tal-komunjoni tal-akkwisti fl-ammont rapprezentanti l-prezz tal-*garage* numru 3 Sqaq numru 1. Main Street, Mgarr li, ghalkemm jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, inxtara bil-flus parafernali taghha; [4] li s-sentenza ma pprovditx dwar il-kontijiet tad-dawl u ilma li halla warajh il-konvenut meta telaq mid-dar matrimonjali, u li dawn thallsu mill-attrici; [5] li d-dghajsa u l-vettura nxtraw waqt iz-zwieg, izda mill-flus parafernali tal-attrici, u ghalhekk din ghandha dritt ghal nofs il-valur ta' dawn l-assi.

## L-Appell Principali

### *L-Ewwel Aggravju*

**7.** Dan l-aggravju jikkoncerna d-dar matrimonjali numru 69 appartament numru 1, fi Triq il-Vanilja Mgarr li l-ewwel Qorti ddikjarat li kienet proprjeta` parafernali tal-attrici.

**8.** Rigward l-assi tal-partijiet, u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

**"PROPRJETA'**

**“Beni immobbli**:

“Illi d-dar matrimonjali **69 Flat 1 Triq il-Vanilja Mgarr** ġiet akkwistat ċirka sena qabel ma l-partijiet iżżewġu u l-kuntratt sar mill-attriċi waħedha. Dan kien punt kontestat ħafna għaliex il-konvenut isostni li l-intenzjoni tal-partijiet kienet li jixtruha flimkien u anke applikaw għal self mill-bank flimkien u kien bil-ġenerosita’ ta’ Carrie Vella, illum mejta (li l-attriċi ssejħila *“auntie”*), li ma kellhomx bżonn dan is-self. Jgħid ukoll li huwa ma deherx fuq il-kuntratt minħabba d-djun li kellu l-Awstralja speċjalment bil-pretenzjonijiet tal-ex-mara tiegħu (li minnha ddivorzja fl-Awstralja wkoll). L-attriċi da parti tagħha tgħid li l-istess Carrie Vella tatiha l-flus biex l-appartament tixtrih hi.

“Illi fuq il-prinċipju ndikat mill-artikolu 562 tal-Kap. 12, huwa min jallega li jrid jipprova; ***onus probandi incubit ei qui dicit non ei negat***; u għalhekk il-Qorti taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali, li l-konvenut ma ġabx provi biżżejjed biex jikkonvinċi lill-Qorti li dak li qed jgħid huwa minnu. Huwa fatt pruvat mill-banda l-oħra li l-kuntratt jgħajjat lill-attriċi u li Carrie Vella kienet ġeneruza ħafna magħha. Għalhekk il-Qorti se tiddikjara l-fond imsemmi propjeta parafernali tal-attriċi.

“Illi hemm ukoll **garage numru 3 Sqaq Numru 1 Main Street Mgarr** illi għandu jinbiegħ u r-rikavat jinqasam billi nxtara matul iż-żwieġ.

**“Beni mobbli:**

**“Vetturi –** Il-vettura Peugeot 106 ġiet akkwistata mill-attriċi qabel iż-żwieġ u kwindi hija parafernali tagħha. Hemm vetturi, dgħajsa u nġenji oħra f’isem il-konvenut li dwarhom ma saret ebda valutazzjoni; il-Qorti jidhrilha li dawn għandhom jiġu assenjati lill-konvenut billi nxtraw biex jużahom hu. Kif ġja’ ngħad ma saret ebda stima u l-Qorti se tassenjahom lill-konvenut mingħajr ma tordna ekwiparazzjoni għaliex jirriżulta li l-attriċi ħarġet somom konsiderevoli ta’ flus mill-bank fl-1999 u 2000 li tagħhom ma tatx spjegazzjoni għal kollox sodisfaċenti.

"Il-partijiet għandhom xi kontijiet bankarji li billi huma ta' entitajiet varji naturalment għandhom jinqasmu ugwalment bejn il-kontendi kif għandhom jinqasmu ukoll fl-istess miżura kull depożiti oħra bħall-flus depożitati l-Qorti jekk hemm.

"L-attriċi ħallset is-somma ta' Lm907.89 – ekwivalenti għal elfejn, mija u erbatax-il Euro u wieħed u tmenin ċenteżmu (€2114.81) biex inġiebu l-mobbli li l-attur kellu l-Awstralja; għalhekk qed titlob ġustament li teħodhom lura."

**9.** L-aggravju tal-konvenut hu fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li d-dar matrimonjali hija proprjeta` parafernali tal-attrici. Jghid li l-fond inxtara miz-zewg partijiet bi flus moghtija lilhom it-tnejn *brevi manu*, minn certu Carrie Vella li kienet tigi habiba tal-familja tal-attrici, u tal-istess attrici. Jispjega li, ghalkemm fuq il-kuntratt ta' xiri u bejgh kienet deheret biss l-attrici, il-ftehim bejn il-partijiet kien li l-fond jinxtara minnhom it-tnejn, l-attrici deheret fuq il-kuntratt, mhux biss f'isimha, izda anke fl-interess tieghu, permezz tal-*prestanome*. Il-konvenut jispjega li hu ma kienx deher fuq il-kuntratt relattiv peress li kellu hafna djun fl-Awstralja, kif ukoll peress li ma riedx li l-ex-mara tieghu li kellu l-Awstralja tavvanza xi pretenzjoni kontra tieghu, kemm ghaliha kif ukoll ghal erba' uliedu. Jghid li l-imsemmija Carrie Vella tathom mazz flus kull wiehed, u li hu kien ta l-mazz tieghu lill-attrici peress li l-flus kienet qed tiehu hsiebhom hi, u peress li ma riedx li jidhru fuq ismu.

**10.** Il-konvenut jghid li l-verzjoni tieghu hija korroborata mix-xhieda ta' Louis Galea, ir-ragel ta' ohtu, li xehed li l-partijiet gieli kienu qalu quddiemu li l-flus ghax-xiri tal-fond, u anke tal-*garage*, kienet tathomlhom Carrie u li fuq il-kuntratt kienet deheret biss l-attrici minhabba l-ex-mara tal-konvenut.

**11.** Jghid ukoll li l-intenzjoni tal-partijiet li jakkwistaw dan il-fond flimkien kienet tirrizulta wkoll mill-fatt provat li, ghalkemm originarjament, meta l-partijiet kienu ddecidew li jixtru fond biex iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, l-attrici kienet applikat wahedha ghal self bankarju tant li

fit-18 ta' Frar 1995 kienet harget *sanction letter* fuq isimha biss, izda sussegwentment kienu applikaw ghas-self it-tnejn li huma, tant li fl-10 ta' Awwissu 1995 kienet harget *sanction letter* ohra din id-darba fuq isem iz-zewg partijiet. L-ghada li Carrie Vella kienet tathom il-flus biex jixtru l-post, huma hassru s-self bankarju li kienu ser jiehdu ghal dan il-ghan. Dan, jghid il-konvenut, jaghti sostenn lill-verzjoni tieghu li kien hemm ftehim li l-fond jinxtara miz-zewg partijiet, originarjament bis-self bankarju ottenut miz-zewg partijiet ghal dan il-ghan, u eventwalment bil-flus moghtija minn Carrie Vella.

**12.** Il-konvenut jghid li anke l-flus ghax-xiri tal-*garage* inghataw lilhom it-tnejn mill-istess Carrie Vella, izda fir-rigward, l-attrici ma ghamlet ebda pretenzjoni li dan hu parafernali taghha. Jistaqsi b'mod retoriku: *"Issa jekk din id-dar matrimonjali l-appellata qeghda tqisha bhala taghha biss peress li l-flus gew minghand Carrie, il-ghala ma taghmilx l-istess argument fuq il-garaxx li inxtara waqt iz-zwieg?"*

**13.** Jghid li l-flus kienu nghataw lilhom ftit taz-zmien qabel iz-zwieg, wara li kienet diga` harget is-*sanction letter* f'isimhom biex jixtru l-fond li kellu jservi bhala d-dar matrimonjali taghhom, u meta l-intenzjoni taghhom li jizzewwgu kienet manifesta. Carrie Vella kienet taf b'dawn il-fatti. Dan isostni t-tezi li l-flus inghataw lit-tnejn a beneficcju tat-tnejn, u ghalhekk il-fond jappartjeni liz-zewg partijiet. Wara kollox, ghalkemm Carrie Vella kienet habiba tal-familja tal-attrici, anke hu kien jghinha fejn kien hemm bzonn, u li l-ghajnuna li hu kien ta lil Carrie kienet tal-istess grad bhal dik moghtija mill-attrici. Inoltre, anke l-attrici tammetti li Carrie Vella kienet taghti hafna flus lil diversi nies.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

**14.** Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva li l-vertenza principali mhijiex jekk il-flus moghtija minn Carrie Vella inghatawx lill-attrici biss jew liz-zewg partijiet, imma jekk meta sar il-kuntratt tal-akkwist tad-dar matrimonjali l-attrici kinitx qed tidher ghaliha nnifisha biss jew inkella kinitx qed

tidher ukoll fl-interess tal-konvenut. Il-punt jekk il-flus kienux verament inghataw lill-attrici biss jew inkella liz-zewg partijiet hu relevanti biss bhala wiehed mill-fatturi li jehtieg li jigi kkunsidrat fid-determinazzjoni tal-vertenza principali, u cioe` bhala prova li l-kuntratt kien sar bil-prestanome f'isem il-konvenut ukoll.

**15.** Fit-tieni lok, jigi osservat li l-oneru tal-prova tal-fatt allegat jirrisjedi fuq min qed jallega l-fatt, u ghalhekk, f'dan il-kaz, il-prova tal-fatt allegat mill-konvenut li l-attrici kienet deheret fuq il-kuntratt fl-interess tieghu wkoll, tirrisjedi fuq l-istess konvenut, gjaladarba rrizulta li fuq il-kuntratt l-attrici dehret fuq isimha biss.

**16.** Fit-tielet lok, dan l-aggravju jikkoncerna l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti li waslet ghall-konkluzjoni li l-fond *de quo* huwa proprjeta` parafernali tal-attrici, u din il-Qorti tirribadixxi li bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment l-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti, li quddiemha jkunu ngabru l-provi kollha, jekk mhux fil-kaz ta' zball manifest li jista' jissarraf f'ingustizzja ghal xi parti.

**17.** Fil-kaz in dizamina l-ewwel Qorti qablet mal-konkluzjoni tal-perit legali li l-konvenut ma rnexxielux iressaq provi bizzejjed biex jikkonvinciha li dak li kien qed jghid kien minnu, u din il-Qorti ma tarax li jezistu ragunijiet validi sabiex tiddisturba dik il-konkluzjoni.

**18.** B'referenza ghall-argumenti maghmula mill-konvenut in sostenn tal-aggravju tieghu, il-Qorti taghmel is-segwenti osservazzjonijiet.

18.1 Illi ma hemmx provi sufficjenti li jsostnu t-tezi tal-konvenut li l-flus li servew ghall-hlas tal-prezz tal-fond mixtri kienu nghataw minn Carrie Vella lilu wkoll, u li hu ma kienx deher fuq il-kuntratt minhabba l-ex-mara tieghu. Ix-xhieda ta' Louis Galea wahedha ma tistax titqies bhala prova determinanti ta' dan il-fatt, tenut kont [1] li din it-tezi qed tigi kontestata mill-attrici, [2] li l-imsemmija Carrie Vella kienet habiba hafna tal-familja tal-attrici, u mhux tal-konvenut, u [3] li hemm xhieda ohra, bhal Carmen Galea,

oht il-konvenut, Francis Debono, hu l-attrici u Mario Cilia, il-manager tal-bank, li jikkorroboraw il-fatt li Carrie Vella kienet tghin finanzjarjament lill-familja tal-attrici. Fid-depozizzjoni tieghu, Mario Cilia, xhud estranew ghall-partijiet, jghid:

“Il-kontijiet ta’ Carrie Vella kienet tamministrahom l-attrici. Carrie Vella gieghli esprimiet ruhha dwar ix-xewqa taghha li tghin lill-attrici u lil huha.

Carrie Vella kienet baghtet flus hawn Malta biex tghin lil Catherine u lil huha. L-attrici dak iz-zmien kienet qeda tirranga d-dar nahseb, u kienet qeda tixtri xi garaxx.”[1]

18.2 Il-fatt li skont it-tieni *sanction letter* is-self bankarju kien ser jinghata liz-zewg partijiet, isostni adegwatament it-tezi li, f’dak iz-zmien u f’dawk ic-cirkostanzi, il-partijiet setghu originarjament kellhom l-intenzjoni li jakkwistaw il-fond flimkien, tenut ukoll li dan kien ser iservi bhala d-dar matrimonjali taghhom. Meta, izda, Carrie Vella tat il-flus ghax-xiri tal-post, ix-xenarju fattwali nbidel kompletament, ghax issa m’ghadux il-kaz li hadd mill-partjiet ma kellu fondi bizzejjed ghax-xiri tal-fond imma nholqot sitwazzjoni fejn il-<u>habiba intima tal-familja tal-attrici</u>, li din kienet tindirizza bhala z-zija taghha, ipprovdiet dawn il-fondi lill-attrici. Dan il-fatt provat gab mieghu kambjament fil-pozizzjoni finanzjarja tal-attrici li issa kellha l-fondi bizzejjed sabiex tixtri l-post hi u f’isimha kif fil-fatt ghamlet. Ghaldaqstant mhijiex lecita l-prezunzjoni li, wara din id-donazzjoni, il-partijiet baqghu bl-istess intenzjoni waqt li kien qed jigi akkwistat il-fond.

18.3 Il-fatt li anke l-attrici ammettiet li Carrie Vella kienet taghti hafna flus lil knejjes u lin-nies fil-bzonn, ghalkemm huwa indikattiv tal-generozita` ta’ din il-persuna, ftit li xejn jaghti sostenn lit-tezi tal-konvenut, tenut kont tal-fatt li s-somma moghtija minn Carrie Vella lill-attrici kienet wahda sostanzjali, kif ukoll tenut kont tar-rabta soda ta’ hbiberija ezistenti bejn din u l-familja tal-

[1] Vol.2 – fol.643

attrici, inkluza l-istess attrici. Mill-banda l-ohra tali rabta ma tirrizultax fil-konfront tal-konvenut.

18.4 Rigward l-argument li l-attrici ma ghamlitx l-istess pretenzjoni fuq il-*garage* meta anke dan il-fond kien inxtara bil-flus moghtija lill-attrici mill-imsemmi Carrie Vella, il-Qorti tosserva li x-xenarju legali huwa differenti minn dak li kien jezisti meta l-attrici xtrat id-dar, ghax filwaqt li fiz-zmien tax-xiri tad-dar il-partijiet ma kienux ghadhom mizzewgin, il-*garage* nxtara wara z-zwieg, u ghalhekk *ex lege* jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

18.5 Barra minnhekk mhux minnu li l-attrici ma ghamlitx pretenzjoni ghal kreditu parafernali kontra l-komunjoni ghal prezz tal-garaxx. Di fatti fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha l-attrici taghmel tali pretenzjoni u tghid li qabel ma jinqasam ir-rikavat derivanti mill-bejgh tal-*garage* ghandu jigi assenjat lilha ammont rapprezentanti l-prezz originali ta' dan il-fond.[2]

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**<u>It-Tielet Aggravju tal-appell principali, u l-Hames Aggravju tal-appell incidentali</u>**

**19.** <u>It-tielet aggravju</u> jirrigwarda proprju s-somma ta' hamsa u hamsin elf Lira Maltin (Lm55,000) fuq indikata li skont il-konvenut kienu gew zbankati mill-attrici fil-perjodu ta' bejn Awwissu 1999 u Novembru 2000, kif ukoll fis-sena 2004. Qabel xejn din il-Qorti tirrileva, li l-ammont formanti l-vertenza bejn il-partijiet huwa ta' hamsa u erbghin elf Lira Maltin (Lm45,000), stante li, kif jirrizulta mill-provi, is-somma ta' ghaxart elef Lira Maltin (Lm10,000) giet mghaduda darbtejn.[3]

**20.** Il-konvenut appellant jghid li l-ispjegazzjoni moghtija mill-attrici hija insodisfacenti. L-attrici tghid li l-izbanki saru sabiex jinxtraw il-*garage* f'Main Street, Mgarr, id-dghajsa,

---

[2] Fol.947 - 948

[3] Fix-xhieda taghha l-attrici spjegat li l-ammont ta' LM10,000 kien gie trasferit mill-kont numru 15305152017 ghal fuq il-kont numru 15305152059, wkoll kont ta' Carrie Vella, u li ghalhekk dan l-ammont kien gie indikat darbtejn fl-affidavit tal-konvenut

kif ukoll sabiex isiru xoghlijiet fid-dar matrimonjali, filwaqt li l-kumplament tal-flus intbaghtu lil Carrie Vella peress li l-fondi kienu taghha.

**21.** Fir-rigward, l-ewwel Qorti kkunsidrat li *"l-attrici harget somom konsiderevoli ta' flus mill-bank fl-1999 u 2000 li taghhom ma tatx spjegazzjoni ghal kollox sodisfacenti"* u ghalhekk ordnat *li "il-vetturi, dghajsa u ngenji ohra f'isem il-konvenuti li dwarhom ma saret ebda valutazzjoni ghandhom jigi asenjati lilu billi nxtraw biex juzahom hu."*

**22.** Il-hames aggravju tal-appell incidentali tal-attrici huwa fis-sens li l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta paciet nofs il-valur tal-vettura u tad-dghajsa mal-ammonti zbankati milll-kont bankarju 15305152017, hawn taht indikati, stante li l-flus f'dan il-kont bankarju ma kienux taghha izda ta' Carrie Vella.

**23.** Din il-Qorti tosserva li fl-ewwel lok dak li ghandu jigi determinat huwa jekk is-somma depozitata hijex proprjeta` parafernali tal-attrici, jew inkellha hijiex parti mill-komunjoni tal-akkwisti. L-attrici tghid li din is-somma kienet parti minn somma akbar li Carrie Vella kienet fdatilha sabiex tiehu minnha flus ghal bzonnijiet tal-attrici, filwaqt li l-konvenut isostni li din is-somma kienet giet moghtija liz-zewg partijiet ghal uzu taghhom, u ghalhekk hija tat-tnejn.

**24.** Minn ezami akkurat tal-provi fir-rigward, din il-Qorti tosserva li din is-somma kienet depozitata fil-Bank of Valletta fil-kont bankarju numru 15305152017 intestat *"Ms Catherine Bezzina Debono" A/C Mrs.C.Vella*"[4], salv ghall-ammont ta' elfejn u hames mitt Lira Maltin (LM2,500) li kienu depozitati f'kont separat fuq isem l-attrici biss u li jgib in-numru 13305152046. Dan jaghti konfort lit-tezi tal-attrici li fil-fatt il-flus kienu fdati lilha minn Carrie Vella u li kienu qed jinzammu f'kont bankarju ntestat lil attrici ghan-nom tal-istess Carrie Vella.

[4] Sottolinear tal-Qorti

**25.** It-tezi tal-attrici tinsab konfermata wkoll mid-depozizzjoni tal-*manager* tal-bank, Mario Cilia[5] li kkonferma li Carrie Vella kienet tghin lill-attrici finanzjarjament.

**26.** Ghalhekk dawn il-flus, la kienu nghataw kollha lill-attrici, u wisq anqas lill-konvenut, imma kienu ta' Carrie Vella f'kont li minnu l-attrici setghet tigbed kemm kellha bzonn. Fic-cirkostanzi, ghalhekk, dawn il-flus la kienu parafernali tal-attrici, u wisq anqas jifformaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

**27.** Pero` matul is-snin 1999 u 2000, l-attrici ghamlet diversi zbanki minn dan il-kont ghall-uzu taghha u tal-familja taghha. Dawn l-izbanki ghalhekk ghandhom jitqiesu bhala donazzjonijiet li l-attrici kienet irceviet minghand Carrie Vella mill-kont bankarju taghha.

**28.** Fix-xhieda taghha l-attrici tghid li s-somma ta' tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000) kienet giet zbankata fid-29 ta' Novembru 1999 sabiex thallas il-maggor parti tal-prezz tal-*garage* li nxtara f'din l-istess data ghall-prezz ta' tlettax-il elf Lira Maltin (Lm13,000), filwaqt li hi harget is-somma ulterjuri ta' elf Lira Maltin (Lm1,000). Fl-20 ta' Ottubru 1999 hi zbankat is-somma ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) sabiex inxtrat id-dghajsa. Dawn il-fatti huma sostnuti minn provi sodisfacenti.

**29.** L-attrici tkompli tispjega li somma ohra ta' elfejn Lira Maltin (Lm2,000) kienet giet zbankata fl-4 ta' Ottubru 1999, sabiex isiru xoghlijiet fid-dar matrimonjali; u fis-16 ta' Novembru 1999 giet zbankata somma ulterjuri ta' elfejn, tmien mija wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm2,841) sabiex tinbidel il-kamra tal-banju. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm ma gewx esebiti ricevuti, anke din il-parti tal-ispjegazzjoni moghtija mill-attrici ghandha titqies bhala veritiera in difett ta' kontestazzjoni da parti tal-konvenut, kif ukoll tenut kont tal-fatt li l-proceduri tas-separazzjoni ma kienux ghadhom bdew.

---

[5] Supra

**30.** B’applikazzjoni tal-konsiderazzjonijiet premessi din il-Qorti tosserva li l-ammonti fuq indikati ta’ tnax-il elf Lira Maltin (Lm12,000), elfejn Lira Maltin (Lm2,000), elfejn Lira Maltin (Lm2,000) u elfejn, tmien mija u wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm2,841) ghandhom jitqiesu bhala donazzjonijiet maghmula minn Carrie lill-attrici, u ghalhekk parafernali tal-attrici. Ghalhekk se mai, l-attrici ghandha kreditu parafernali ta’ dawn l-ammonti, li jlahhqu ghal total ta’ tmintax-il elf, tmien mija wiehed u erbghin Lira Maltin (Lm18,841) [illum tlieta u erbghin elf, tmien mija, disgha u disghin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€43,899.53)] fil-konfront tal-komunjoni tal-akkwisti, li jfisser li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs dan l-ammont, u cioe` disat elef, erba’ mija u ghoxrin Liri Maltin u hamsin centezmi (Lm9,420.50) [illum ekwivalenti ghal wiehed u ghoxrin elf, disa’ mija u disgha u erbghin Euro u sitta u sebghin centezmi (€21,949.76)].

**31.** Rigward l-ammonti l-ohra ta’ ghaxart elef Liri Maltin (Lm10,000) u tlettax-il elf, erba’ mija, sebgha u ghoxrin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmi (Lm13,427.63), l-attrici tghid li fit-3 ta’ Frar 2000 dawn intbaghtu lura lil Carrie Vella l-Amerika peress li l-flus kienu taghha, filwaqt li l-ammont ta’ mitejn u sitta u tletin Liri Maltin u tlieta u sittin centezmi (Lm236.63) jirrapprezenta l-*bank charges* relattivi ghat-trasferiment tal-flus. Il-Qorti tosserva li, ghalkemm huwa minnu li l-attrici ma prezentatx il-*bank drafts* tat-trasferimenti minnha allegati, dan huwa rrelevanti ghal finijiet tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, peress li, kif diga` intqal, dawn il-flus kienu ta’ Carrie Vella, u zgur ma kienux parti mill-komunjoni.

**32.** Ghaldaqstant, mill-provi ma rrizultax li l-imsemmija somma ta’ hamsa u erbghin elf Liri Maltin (Lm45,000) tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, anzi jirrizulta li l-attrici ghandha kreditu parafernali fil-konfront tal-komunjoni tas-somma ta’ tmintax-il elf, tmien mija wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm18,841).

**33.** Min-naha l-ohra, is-somma ta’ elfejn u hames mitt Liri Maltin (Lm2,500) li l-attrici ammettiet li zbankat mill-kont numru 15305152046 intestat fuq isimha, kienet tal-komunjoni tal-akkwisti, u ghalhekk nofsha, u cioe` elf,

mitejn u hamsin Liri Maltin (Lm1,250) [illum ekwivalenti ghal elfejn, disa' mija u tnax-il Euro u hamsin centezmi (€2,912.50)] tappartjeni lill-konvenut.

**34.** Rigward *ir-racing car* [*Ford Escort* trasformata f'*racing car* mill-konvenut], u li nbieghet fil-mori tal-proceduri, il-Qorti tosserva li l-provi huma skarsi ghall-ahhar, u kien l-oneru tal-attrici li tressaq provi dwar il-valur taghha, almenu approssimattiv. Minkejja dan u minkejja r-rakkommandazzjoni tal-perit legali sabiex issir tali prova, l-attrici baqghet mankanti fir-rigward.

**35.** Pero` fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici ndikat li l-vettura [Ford Escort] tiswa circa erba' mitt Liri Maltin (Lm400). Dan il-valur ma giex kontestat mill-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu fejn qabel li din u oggetti mobbli ohra, huma tal-komunjoni u l-valur taghhom ghandu jigi diviz ugwalment bejn il-partijiet.

**36.** Fic-cirkostanzi, u tenut kont li l-valur moghti mill-attrici ma giex kontestat mill-konvenut, il-Qorti ser tiehu bhala l-valur reali tal-vettura l-ammont ta' erba' mitt Liri Maltin (Lm400), u ghalhekk l-attrici ghandha tiehu minghand il-konvenut l-ammont ta' mitejn Liri Maltin (Lm200) [illum ekwivalenti ghal erba' mija, sitta u sittin Euro (€466)].

**37.** Rigward id-dghajsa, jirrizulta mill-provi li din kienet tiswa circa elfejn Liri Maltin (Lm2,000), u ghalhekk il-konvenut ghandu jaghti lill-attrici nofs dan l-ammont, u cioe` elf Liri Maltin (Lm1,000) [elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330)].

**38.** Ghaldaqstant <u>it-tielet aggravju</u> tal-konvenut qed jigi milqugh limitatament ghall-ammont ta' elfejn, disa' mija u tnax-il Euro u hamsin centezmi (€2,912.50) li huwa dovut lilu mill-attrici, u michud ghall-kumplament. <u>Il-hames aggravju</u> tal-appell incidentali tal-attrici qed jigi milqugh fis-sens li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici l-imsemmi ammont ta' elfejn, seba' mija u sitta u sebghin Euro (€2,776) [elfejn, tliet mija u tletin Euro (€2,330) + erba' mija sitta u erbghin Euro (€446)], flimkien mas-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u disgha u erbghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€21,949.76) fuq indikata.

*It-Tieni Aggravju*

**39.** Dan jirrigwarda l-manteniment ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fix-xahar, fissat mill-ewwel Qorti bhala dovut mill-attrici lill-konvenut ghat-tifla minuri li llum ghandha tlettax (13)-il sena.

**40.** Fir-rigward l-ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Illi ghandu jinghad illi l-Qorti fil-kors tal-kawza kienet tat digriet fejn akkordat manteniment nominali li l-attrici ghandha thallas bhala manteniment. Ghal ragunijiet purament legali l-Qorti ser izzomm din il-pozizzjoni ferma, anke minhabba d-dhul zghir li ghandha l-attrici. Ghandu jinghad li l-partijiet issa ghandhom impieg it-tnejn li huma wara li ghal hafna zmien il-konvenut kien dizokkupat."

**41.** L-ilment tal-konvenut huwa li dan l-ammont huwa baxx hafna, u tenut kont tal-eta` tal-minuri llum, mhuwiex adegwat ghall-bzonnijiet taghha.

**42.** Jghid li l-attrici ghandha sehem minn proprjeta` immobbli, u li ghalhekk l-ewwel Qorti setghet ordnat il-hlas da parti tal-attrici ta' ammont bhala *lump sum payment* ghal manteniment futur tal-minuri, tenut kont ukoll li matul il-perjodu bejn Awwissu 1999 u Dicembru 2000, kif ukoll f'Dicembru 2004, l-attrici zbankat b'kollox is-somma ta' hamsa u hamsin elf Liri Maltin (Lm55,000) [illum mija u tmienja u ghoxrin elf, mija u hmistax-il Euro u erbgha u hamsin centezmi (€128,115.54)].

**43.** Fl-ewwel lok din il-Qorti tosserva li, kif fuq spjegat, l-imsemmi ammont ta' hamsa u hamsin elf Liri Maltin (Lm55,000) kien jappartjeni lil Carrie Vella u mhux lill-attrici, u ghalhekk l-izbank ta' dawn l-ammonti ma jistax ikun ta' sostenn ghat-tezi tal-konvenut li l-attrici ghandha mezzi sufficjenti sabiex thallas manteniment akbar ghall-minuri.

**44.** Mill-provi jirrizulta li matul il-konvivenza matrimonjali kienet l-attrici li kienet tahdem u tippercepixxi introjtu,

filwaqt li l-konvenut kien jghin fl-affarijiet tad-dar. Hu ma kellux xoghol regolari, u l-oneru finanzjarju tal-familja kien waqa' principalment fuq l-attrici li mhux biss kienet taghmel tajjeb ghal bzonnijiet tal-familja izda kienet taghti lill-konvenut mitt Liri Maltin (Lm100) fix-xahar sabiex dan ihallas ghall-manteniment tat-tfal tieghu fl-Awstralja.

**45.** Min-naha tieghu l-konvenut jammetti li meta gie lura mill-Awstralja huwa kellu mal-ghoxrin elf Euro (€20,000) dejn li kien assuma fil-proceduri tad-divorzju tal-ex mara tieghu. Dan id-dejn thallas mill-flus percepiti kemm qabel kif ukoll wara z-zwieg, izda ma tressqux provi ulterjuri fir-rigward, u ghalhekk ma jirrizultax kemm minn dan id-dejn thallas matul iz-zwieg ta' bejn il-partijiet.

**46.** Jidher pero` li maz-zmien u fil-mori tal-proceduri odjerni, l-istampa inbiddlet. L-attrici bdiet tbati minn kundizzjoni medika kronika li, skont certifikat tal-Professur Abraham Galea mahrug fil-11 ta' Jannar 2010 rrendietha *"not fit for work"*[6], b'mod li allura l-possibilita` li din tiggenera introjtu adegwat saret limitata hafna. Fin-nota tal-osservazzjonijiet taghha l-attrici tghid li llum tghix fuq ir-*relief* ta' tliet mija u ghoxrin Euro (€320) fix-xahar.

**47.** Min-naha l-ohra, il-konvenut ghandu impieg regolari li jirrendilu salarju mensili ta' circa tmien mija u ghoxrin Euro (€820). Ghalhekk, *rebus sic stantibus*, l-introjtu tal-konvenut huwa hafna akbar minn dak tal-attrici, u fil-fehema ta' din il-Qorti huwa sufficjenti sabiex ihallas ghall-bzonnijiet tal-minuri li fil-prezent qeghda tghix mieghu.

**48.** Rigward il-pretenzjoni tal-konvenut li l-attrici ghandha tigi ordnata thallas *lump sum payment* lill-konvenut bhala sehemha ghall-manteniment futur tal-minuri, din il-Qorti tosserva li, meta tqis li d-dhul tal-attrici huwa baxx u li sejra tithallas somma kapitali ghar-ragunijiet moghtija fuq, ikun xieraq fic-cirkostanzi li ssir tpacija ma' parti minn din is-somma bhala *lump sum* ghas-saldu tal-manteniment futur, liema somma qed tigi likwidata fl-ammont ta' elfejn u

[6] Vol.1 – Fol.327

seba’ mitt Euro (€2,700) li ghandha titnaqqas minn dak dovut lill-istess attrici.

**49.** Ghaldaqstant u fil-limiti tal-konsiderazzjonijiet premessi dan l-aggravju huwa fondat.

**<u>L-Appell Incidentali</u>**

*<u>L-Ewwel Aggravju</u>*

**50.** L-attrici qed titlob li, filwaqt li d-digriet li inghata mill-ewwel Qorti dwar l-access tal-minuri jigi nkorporat fis-sentenza finali sabiex ma jkunx hemm dubbju dwar l-effetti tieghu, din il-Qorti tipprovdi ghajnuna ta’ psikologi jew psikoterapisti biex jindirizzaw il-problema tar-riluttanza tal-minuri li jkollha kuntatt ma’ ommha, kif ukoll jigi fissat il-modalita` tal-access.

**51.** Fis-sentenza taghha, l-ewwel Qorti, wara li kienet semghet lit-tifla, ikkonkludiet li l-kura u kustodja tal-minuri tibqa fdata f’idejn il-konvenut, izda l-attrici jkollha dritt ta’ access ghall-minuri darba fil-gimgha ghal saghtejn, jekk hemm bzonn taht supervizjoni.

**52.** Din il-Qorti tosserva li l-fatt li l-kura u kustodja tal-minuri tkun fdata f’idejn il-konvenut u li din tibqa tghix mal-konvenut missierha, jidher li hu accettat anke mill-attrici ommha, fl-interess suprem tal-minuri, u ghalhekk il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti f’dan ir-rigward hija gusta u ta’ gid ghal minuri.

**53.** Mill-banda l-ohra pero` jkun ta’ hsara ghall-istess minuri li din tibqa’ tirrifjuta l-kuntatt ma’ ommha, u ghalhekk, f’dan ir-rigward l-ilment tal-attrici huwa gustifikat inkwantu jigi assigurat li l-minuri tircievi l-ghajnuna mehtiega sabiex il-problema tar-riluttanza taghha li jkollha access mal-omm tigi solvuta, anke jekk parzjalment. Fil-frattemp pero` din il-Qorti tosserva li, qabel ma l-minuri tkun lesta biex tibda taghmel kuntatt ma’ ommha, jkun kontro-produttiv u ta’ hsara ghal minuri li din tigi mgieghla kontra r-rieda taghha, li jkollha kuntatt ma’ ommha, minghajr l-assistenza ta’ persuna professjonali.

**54.** Ghaldaqstant din il-Qorti ser tordna li t-tifla tittiehed mill-konvenut ghand psikologa, u eventwalment ghand psikoterapista, sabiex jghin lil minuri f'din il-problema; u dan a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, tenut kont li dak li qed issofri minnu l-minuri llum huwa htija tal-agir taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin u tas-sitwazzjoni li holqu bejniethom. F'dan l-istadju l-access ikun darba fil-gimgha, siegha kull darba fl-ewwel sitt xhur, u saghtejn kull darba gheluq dawn is-sitt xhur, u li ghall-access ikun hemm prezenti l-psikologa jew il-psikoterapista, maghzula miz-zewg partijiet, li tkun qed tara lit-tifla.

Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa fondat.

*It-Tieni Aggravju*

**55.** Dan hu fis-sens li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti meta kkonkludiet li l-attrici hija responsabbli ugwalment mal-konvenut ghas-separazzjoni, kif ukoll meta kkonkludiet li l-attrici wkoll kellha tiddekadi mid-dritt taghha li titlob manteniment minghand il-konvenut. Tghid li, filwaqt li x-xoghol taghha ta' *cleaner* huwa wiehed sporadiku u li ma jipprovdix introjtu adegwat ghaliha, il-konvenut illum ghandu impieg *full-time* mal-Arriva. Barra minnhekk hi ghandha kundizzjoni medika li tirristringilha l-possibilita` li ssib xoghol. Ghalhekk issostni li ghandu jigi fissat manteniment ghaliha minghand il-konvenut li *"ghandu jassisti finanzjarjament lill-attrici, bhalma hija assistiet lilu meta kellu bzonn."*

**"TORT**

"Kif ġja' ngħad il-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ infatti jaddebitaw eċċessi, sevizzi, theddid, inġurji gravi u vjolenza psikoloġika fil-konfront ta' xulxin. Il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-perit legali f'dan l-aspett, u ċjoe' illi l-partijiet huma ħatja ta' sevizzi fil-konfront ta' xulxin bħala kawża għat-tkissir taż-żwieġ tagħhom, u dan joħroġ ċar minn fol 874 *et sequitur* tal-proċess u huwa ukoll ovvju anke *prima facie*, illi bejn il-partjiet hemm

inkompatibilita' ta' karattru li jwassal għat-tifrik irrimedjabbli taż-żwieġ.

"Illi kien għalhekk illi kif qalet il-Qorti f'kawża deċiża fit-13 ta' Ġunju 1967 illi l-partijiet spiċċaw jgħixu ġo *'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita comune'.* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** Prim' Awla 13 ta' Ġunju 1967). F'dan il-każ ma hemmx dubju li l-partijiet jaħtu fl-istess manjiera għat-tifrik taż-żwieġ. Barra minn dan jirriżulta mingħajr kontestazzjoni li ż-żewġ partijiet huma issa f'relazzjoni ma' persuni oħra t-tnejn li huma."

**56.** Dan l-aggarvju huwa dirett lejn il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti li l-attrici hija ugwalment responsabbli ghas-separazzjoni, kif ukoll lejn il-konkluzjoni li timponi d-dekadenza mid-dritt tal-manteniment fuq iz-zewg partijiet, inkluz allura l-attrici.

**57.** Rigward il-htija ghas-separazzjoni, din il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-problema principali kienet in-nuqqas da parti tal-konvenut li jzomm xoghol regolari, bir-rizultat li l-attrici kien ikollha tohrog tahdem. In-nuqqas ta' hegga ghax-xoghol da parti tal-konvenut kienet tkidd lill-attrici, bir-rizultat li l-komportament bejn il-partijiet kien sar wiehed abbuziv fuq zewg nahat. L-attrici kienet tghajjar lill-konvenut, filwaqt li dan kien jinfexx bi kliem dispreggjattiv, partikolarment lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali meta l-attrici kienet bdiet tiffrekwenta l-hbieb taghha u anke tirritorna d-dar minn barra kmieni filghodu. Din il-Qorti taqbel mal-ewwel Qorti li t-tnejn jahtu ghas-separazzjoni, b'mod ugwali, u t-tkissir taz-zwieg kien dovut kemm ghal sevizzi da parti taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxn, kif ukoll ghall-ingurja gravi meta z-zewg partijiet bdew jittratjenu relazzjonijiet ma' persuni tas-sess oppost.

**58.** Dwar id-dekadenza, din il-Qorti tosserva li, fis-seduta peritali tas-17 ta' Ottubru 2006, il-partijiet irregistraw li f'dak l-istadju huma kienu ftehmu *"li mhux qed jippretendu manteniment minghand xulxin fir-rigward taghhom*

*infushom."*[7] Ghalhekk mhux il-kaz li f'dan l-istadju l-attrici titlob li l-konvenut jigi ordnat jghinha finanzjarjament.

**59.** Inoltre, din il-Qorti tosserva li ma jistax validament jinghad li permezz tal-imsemmi verbal il-partijiet irrinunzjaw ghad-dritt taghhom li jitolbu manteniment minghand xulxin, f'liema kaz allura l-impozizzjoni tad-dekadenza mid-dritt ta' manteniment ma kinitx tkun legalment sostenibbli, stante li persuna ma tistax legalment tiddekadi minn dritt li ma jezistix peress li kienet diga` rrinunzjat.

**60.** Fil-kaz odjern il-partijiet iddikjaraw biss li fil-proceduri odjerni huma ma kienux ser javvanzaw il-pretenzjoni ghal hlas tal-manteniment. Ghalhekk, meta l-ewwel Qorti applikat fil-konfront taz-zewg partijiet id-dispozizzjoni tal-Artikolu 48 tal-Kap. 16 hija kienet agixxiet fil-parametri tal-ligi tenut kont li z-zewg partijiet kienu talbu l-applikazzjoni ta' dan l-artikolu fil-konfront ta' xulxin.

**61.** Barra minnhekk, is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu precitat mhumiex limitati ghad-dekadenza mid-dritt tal-konjugi li jitlob manteniment minghand il-konjugi l-iehor.

**62.** Inoltre, il-Qorti tosserva li, lejn l-ahhar tal-konvivenza, u anke wara, l-agir tal-partijiet fil-konfront ta' xulxin iddegenera b'mod li t-tnejn kemm huma kienu dahlu apertament f'relazzjonijiet ma' persuni ohra tas-sess oppost. Apparti minnhekk il-komportament tal-attrici, anke ma' hbieb taghha nisa, kif jidher mir-ritratti esebiti, kien degradenti kemm ghaliha kif ukoll fil-konfront ta' zewgha. Dan kollu gustament attira fil-konfront taghha wkoll is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu precitat.

**63.** Ghal dawn ir-ragunijiet dan l-aggravju huwa nfondat.

*It-Tielet Aggravju*

**64.** Dan jirrigwarda l-*garage* numru 3 Sqaq numru 1 Main Street Imgarr li nxtara waqt iz-zwieg. L-attrici mhijiex qed

[7] Vol.2 – fol.505

tilmenta jew tappella mid-decizjoni tal-ewwel Qorti li qieset dan il-fond bhala parti mill-komunjoni tal-akkwisti, izda mill-fatt li l-ewwel Qorti naqset li tqis il-prezz originali ta' dan il-fond bhala kreditu taghha versu l-komunjoni tal-akkwisti, liema prezz kien thallas minn flejjes li l-imsemmija Carrie Vella kienet tat lill-attrici ghal dan il-ghan. Dan gie injorat mill-ewwel Qorti, minkejja li kien issemma fin-nota tas-sottomissjonijiet taghha.

**65.** Tghid li l-flus ma setghux kienu tal-komunjoni tal-akkwisti, peress li [1] il-konvenut dak iz-zmien ma kienx jahdem, [2] li l-attrici kienet tahdem biss sporadikament bhala *cleaner*, [3] fl-istess zmien l-attrici kienet qed taghti flus lill-konvenut biex ihallas, anke bl-ghajnuna tal-attrici, il-manteniment dovut minnu lil erbgha fl-Awstralja. Dawn il-fatti provati jsostnu t-tezi attrici li l-flus kienu nghataw lilha minn Carrie Vella, u b'hekk huma parafernali taghha.

**66.** Fir-rigward din il-Qorti taghmel referenza ghall-konsiderazzjonijiet taghha fuq esposti dwar it-tieni aggravju tal-appell u l-hames aggravju tal-appell incidentali, li wasslu ghall-konkluzjoni li l-*garage* kien principalment inxtara bil-flus moghtija minn Carrie Vella lill-attrici, u ghalhekk l-aggravju odjern huwa parzjalment gustifikat inkwantu ghas-somma ta' tnax-il elf Liri Maltin (Lm12,000) [illum sebgha u ghoxrin elf, disa' mija u sittin Euro (€27,960)] li tifforma parti mis-somma fuq indikata ta' tmintax-il elf, tmien mija, wiehed u erbghin Liri Maltin (Lm18,841) [tlieta u erbghin elf, tmien mija, disgha u disghin Euro u tlieta u hamsin centezmi (€43,899.53)].

**67.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa parzjalment fondat.

*<u>Ir-Raba' Aggravju</u>*

**68.** L-attrici ssostni li meta l-konvenut hareg mid-dar matrimonjali huwa halla warajh kontijiet pendenti tad-dawl u ilma, f'somma li "hija wahda konsiderevoli ghall-attrici tenut kont tan-nuqqas tad-dhul taghha."

**69.** Din il-Qorti tosserva li ma giex provat li l-flus li harget l-attrici biex thallas dawn il-kontijiet kienu parafernali taghha, u ghalhekk, fin-nuqqas ta' provi li juru l-kuntrarju, ghandha tipprevali l-prezunzjoni favur il-komunjoni tal-akkwisti.

**70.** Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa nfondat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tilqa' l-appell principali u l-appell incidentali, limitatament u fis-sens kif ser jinghad:

Tordna li t-tifla tittiehed mill-konvenut ghand psikologa, u eventwalment ghand psikoterapista, sabiex jghin lil minuri f'din il-problema; u dan a spejjez ugwali taz-zewg partijiet, tenut kont li dak li qed issofri minnu l-minuri llum huwa htija tal-agir taz-zewg partijiet fil-konfront ta' xulxin u tas-sitwazzjoni li holqu bejniethom. F'dan l-istadju l-access ikun darba fil-gimgha, siegha kull darba fl-ewwel sitt xhur, u saghtejn kull darba gheluq dawn is-sitt xhur, u li ghall-access ikun hemm prezenti l-psikologa jew il-psikoterapista, maghzula miz-zewg partijiet, li tkun qed tara lit-tifla.

Tordna li l-attrici thallas lill-konvenut is-somma ta' elfejn, disa' mija u tnax-il Euro u hamsin centezmi (€2,912.50)[8] rapprezentanti nofs il-flus li hi kienet gibdet mill-kont bankarju numru 15305152046; tordna li l-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' elfejn, seba' mija u sitta u sebghin Euro (€2,776)[9] rapprezentanti nofs il-valur tad-dghajsa u tal-vettura kif ukoll is-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, disa' mija u disgha u erbghin Euro u sitta u sebghin centezmu (€21,949.76) skont il-para. 30; tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-attrici giet ordnata thallas lill-konvenut manteniment ghall-minuri fl-ammont ta' hamsa u ghoxrin Euro (€25) fix-xahar, u minflok, tordna li l-attrici thallas is-somma ta' elfejn u seba' mitt Euro (€2,700) li ghandha tigi pacuta ma' parti mis-somma dovuta lilha kif

[8] Tielet aggravju tal-appell principali
[9] Il-hames aggravju tal-appell incidentali

fuq indikat bhala manteniment futur tat-tifla minuri, u ghas-saldu tal-istess, liema ammont ta' manteniment jinkludi l-ispejjez kollha relatati mas-sahha u mal-edukazzjoni tal-minuri; tikkonferma s-sentenza ghal bqija.

L-ispejjez tal-ewwel istanza jibqghu kif decizi, filwaqt li dawk relatati mal-appell odjerni jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------